**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**
**( Sede Kostituzzjonali )**

**Imhallef Onor. Patrick Vella, B.A., LL.D., Mag. Juris (EUR Law)**

**Rikors Kostituzzjonali : 742/2000**

**George Xuereb**

**Vs**

**Registratur tal-Qrati,**
**Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja,**
**Avukat Generali,**
**Dorothy mart George Xuereb ghal kull interess li jista' jkollha.**

Illum, 14 ta'Marzu, 2002.

Il-Qorti :

Rat ir-rikorsipprezentat minn George Xuereb fil-25 t'April, 2000, li bih, wara li ppremetta :

1. Illi permezz ta' citazzjoni prezentata fil-**Prim Awla tal-Qorti Civili fil-1977, citazzjoni numru 590/77/G, fl-ismijiet 'George Xuereb –vs- Dorothy Xuereb**', hu kien ghamel kawza kontra l-intimata Dorothy Xuereb, fejn talab li din ta' l-ahhar tikkonsenjalu diversi oggetti ta' valur, u dan ghar-ragunijiet imsemmija f'dik ic-citazzjoni ;

2. Illi b'sentenza ta' dik il-Qorti datata 14 t'Awwissu, 1981, kif konfermatha mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta'Mejju, 1982, u deciza finalment fit-23 ta'Marzu, 1983, l-imsemmija Dorothy Xuereb giet ikkundannatha tikkunsenja lir-rikorrent l-

oggetti deskritti a fol 6, 7, 8 u 9 ta' dak il-process, konsistenti f'fided u hagar prezzjuz ta' certu valur ;

3. Illi meta b'konsegwenza ta' dik il-kawza, ir-rikorrent George Xuereb ghadda biex jesegwixxi dik is-sentenza, irrizulta li l-imsemmija Dorothy Xuereb kienet qed teludi l-effetti ta' dik is-sentenza billi tahrab mill-konsenja ta' dawn l-oggetti kif del resto kienet ikkundannatha taghmel bis-sentenza suddetta ;

4. Illi allura r-rikorrent kien kostrett sabiex jipprezenta kawza ohra fl-**1 ta'Lulju, 1983, fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, citazzjoni numru 807/83/CS fl-ismijiet 'George Xuereb –vs- Dorothy mart George Xuereb'**, fejn wara li fic-citazzjoni ppremetta x'gara, talab li jinhareg ***Mandat In Factum*** kontra l-imsemmija Dorothy Xuereb ;

5. Illi l-lista tax-xhieda attrici ma kienetx wahda voluminuza w tikkomprendi biss tlieta minn nies bl-attur (rikorrent) inkluz, u dawk elenkati mill-konvenuta (intimata) kienu wkoll ftit fin-numru u f'ebda parti tan-nota ta'eccezzjonijiet ma tqanqlu l-problemi kollha li tqanqlu mill-imsemmija Dorothy Xuereb fil-kors tal-kawza li sal-lum ghadha pendenti ;

6. Illi wara sensiela ta' differimenti 'sine die' relatati ma' kwistjoni ta' kawzi ohrajn li, pero', ma kellhiex x' taqsam mal-meritu tal-kawza msemmija, fis-16 ta' Dicembru, 1992, ir-rikorrenti ddikjara li ma kellux provi aktar xi jressaq, u l-kawza thalliet ghall-<u>provi kollha</u> ghas-17 ta'Mejju, 1993, u sal-lum ghadha pendenti ;

7. Illi aktar minn hekk, propju minhabba t-trapass ta' zmien esagerat li hadet din il-kawza, meta l-meritu kien wiehed daqstant semplici konsistenti fl-esekuzzjoni ta' sentenza deciza, permezz ta' nota prezentata fit-12 ta' Marzu, 1993, l-imsemmija Dorothy Xuereb eccepiet ulterjorament li din il-kawza kienet qedha ssir inutili peress li kienu lahqu ghaddew tlett (3) snin minn meta s-sentenza, li r-rikorrent kien qed jitlob li tigi esegwita, issa tilfet l-effetti ezekuttiva taghha, u dan meta fis-16 ta'Dicembru, 1992, u cioe', disgha (9) snin minn meta bdiet il-kawza, thalliet ghall-provi kollha tal-konvenuta (Dorothy Xuereb) ;

8. Illi fit-2 ta’Marzu, 1994, il-kawza reghhet thalliet ghall-provi tal-konvenuta Dorothy Xuereb. Fis-17 ta’Marzu, 1993, flok instemghu l-provi kollha taghha, minghajr ebda raguni valida, wara li xehdet l-istess Dorothy Xuereb, reghhet giet differita ghall-diversi seduti ohrajn ghall-provi ta’ Dorothy Xuereb, sakemm fit-3 ta’ Gunju, 1993, thalliet ghall-provi kollha taghha. Pero’, gara, bhal drabi ohra, li tali verbali saru ghalxejn u sal-lum il-kawza ghadha pendenti w mhux deciza ;

9. Illi dan kollu gab lir-rikorrent fil-posizzjoni li sentenza li ghaddiet in gudikat favuru aktar minn 17 il-sena ilu ma gietx, u x’aktarx mhux ser tigi, esegwita, u dan minhabba dewmien irragjonevoli tal-kawza li giet prezentatha biex tigi esegwita dik is-sentenza ;

10. Illi dan kollu sar u qed isir bi ksur ta’ l-Artikolu 39 u l-Artikolu 6 rispettivament tal-Kostituzzjoni ta’Malta w l-Konvenzjoni Ewropea Dwar il-Harsien tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, u dan peress li s-smigh tal-kawza fuq imsemmija ma sarx fi zmien ragjonevoli ;

11. Illi ghal dan l-agir ghandhom iwiegbu l-intimati Awtoritajiet li huma responsabbli ghall-andament u amministrazzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja.

Premess dan kollu, ir-rikorrent George Xuereb talab ghaldaqstant li din il-Qorti (**a**) tiddikjara li d-dewmien esagerat u rragjonevoli tal-kawza proposta minnu fl-ismijiet **‘George Xuereb –vs- Dorothy mart George Xuereb‘, citazzjoni numru 807/83 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**, qed jikser u jilledi d-drittijiet fondamentali tieghu kif imharsin mill-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni ta’Malta w l-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, u, (**b**) konsegwentement, taghti dawk id-direttivi w ordnijiet kollha opportuni w xierqa sabiex jigu mharsa d-drittijiet fondamentali tieghu msemmija.

Rat ir-risposta ta’ l-intimati **Avukat Generali w tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja** datata 2 ta’Mejju, 2000, li biha eccipew s-segwenti :

1. Preliminarjament li l-intimat **Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja** mhux legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;

2. Illi fil-meritu, ir-rikors promotur huwa bla bazi guridika jew fattwali billi din il-Qorti trid tikkonstata jekk kienx l-istess rikorrent li bl-agir tieghu kkontribwixxa sostanzjalment ghad-dewmien lamentat. Anzi f' kawza kostituzzjonali ta' din ix-xorta, ir-rikorrent irid jipprova li ghamel kull ma seta' w fittex ir-rimedji kollha koncessi mid-dritt processwali biex ihaffef il-proceduri u jghin lill-Qrati fl-amministrazzjoni tal-gustizzja ;

3. Illi ghalhekk mhux bizzejjed li r-rikorrent jghid li l-kawza tieghu damet tant snin u ghadha bla ezitu ;

4. Talbu ghalhekk illi din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjes .

Rat ir-risposta ta' l-intimata **Registratur (Registratrici) tal-Qrati** datata 3 ta'Mejju, 2000, li biha eccepiet is-segwenti :

1. Illi l-eccipjenti Registratrici tal-Qrati mhiex il-legittimu kontradittur fil-proceduri tar-rikors citat, u dan ai termini ta' l-Artikolu 181 B tal-Kap. 12 ;

2. Illi l-eccipjenti mhiex inkarigata fil-materja in kwistjoni, ma ghandhiex kontroll fuq il-process gudizzjarju u, ghaldaqshekk, minhabba n-natura taghha, it-talba ma tistghax tkun diretta kontra l-istess eccipjenti ;

3. Illi bla pregjudizzju, u fil-meritu, iz-zmien li jiehdu proceduri gudizzjraji jiddependi fuq in-natura partikolari tal-kaz li jkun u mhux fuq semplici ghadd materjali ta' zmien, u dan anke fuq skorta ta' gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ;

4. Illi r-rikorrent irid juri li huwa ghamel kull ma seta' biex ma jtulx iz-zmien minnu lamentat ;

5. Illi l-eccipjenti tinnota wkoll illi minn dak li ppremetta r-rikorrent, l-interess ta' martu huwa altru minn dak **" li jista' jkollha,"** stante illi huwa jindikaha bhala li qanqlet **"dawk il-problemi kollha......fil-kors ta' (din) il-kawza"** ;

6. Talbet ghalhekk, ir-Registratrici tal-Qrati, li din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet kif diretti mir-rikorrent kontriha w tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra r-rikorrent.

Rat ir-risposta ta' l-intimata **Dorothy Xuereb** datata 19 ta'Gunju, 2000, li biha eccepiet is-segwenti :

1. Illi bir-rikors tieghu, ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li d-dewmien esagerat w rragjonevoli tal-kawza fl-ismijiet **'George Xuereb –vs- Dorothy mart George Xuereb' (Citaz. Nru. 807/83/FGC)**, qed jikser jew jilledi d-drittijiet fondamentali tieghu skond l-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni ta'Malta w tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, u, konsegwentement, li din il-Qorti taghti dawk id-direttivi w ordnijiet kollha opportuni w xierqa sabiex jigu mharsa d-drittijiet fondamentali tieghu ;

2. Illi l-intimata Dorothy Xuereb hija l-konvenuta fl-imsemmija kawza ;

3. Illi kif jirrizulta kemm minn ezami akkurat ta' l-atti tal-kawza msemmija u mit-trattazzjoni, ma hemm ebda lezjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif qed isostni r-rikorrent ;

4. Illi l-intimata, bhala konvenuta fil-kawza premessa, ghandha drittijiet taghha wkoll ghas-smigh xieraq, u tirrileva li l-provi taghha ghadhom ma inghalqux, anzi, ghad hemm rikors taghha pendenti ghall-awtorizzazzjoni sabiex tipproduci xhieda, apparti trattazzjoni ta' punti legali sollevati minnha f'zewg noti ta' eccezzjonijiet taghha ;

5. Illi jsegwi li r-rikors odjern ghandu jigi respint bl-ispejjes, stante li mic-cirkostanzi tal-kaz ma jirrizultax li kien hemm lezjoni tad-drittijiet imsemmija mir-rikorrent.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **"George Xuereb –vs- Dorothy mart George Xuereb", (Citaz. Nru. 807/83/CS/WG/VCC/FGC/RCP)**, kif ukoll dik bin-numru **590/77/G**, esebiti mir-Registratur tal-Qorti b' Nota tieghu in segwitu ghall-ordni ta' din il-Qorti kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' l-20 ta'Gunju, 2000.

Rat in-**Nota tar-rikorrent George Xuereb datata 10 ta'Jannar, 2001**, li permezz taghha elenka s-sekwenza kronologika ta' diversi pendenzi ta' kawzi bejn l-istess rikorrent u l-intimata Dorothy Xuereb, u aktar specifikatament, is-sekwenza kronologika ta' dak kollu li gara fil-proceduri **Citazzjoni Numru 807/83/CS ( wara WG, wara VCC, wara FGC, u fl-ahhar RCP )** li bdew fl-1 ta' Lulju, 1983, u li minhabba d-dewmien li hadu dawn l-istess proceduri hu qed jghid li gew lezi xi drittijiet fondamentali tieghu.

Rat ir-**risposta ta' l-intimata Registratur tal-Qorti datata 12 ta'Frar, 2001**, li, ghalkemm in sostanza kkonfermat din is-sekwenza kronologika ta' dak kollu li gara fl-imsemmija kawza, pero', semmiet xi divergenzi zghar li fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma huma ta' ebda rilevanza w ma jbiddlu xejn minn dik is-sekwenza kronologika msemmija mir-rikorrent fin-Nota tieghu ta' l-10 ta'Jannar, 2001.

Rat ir-**risposta ulterjuri ta' l-intimata Dorothy Xuereb datata 12 ta'Marzu, 2001**, li biha eccepiet is-segwenti :

1. Illi r-rikorrent George Xuereb m' ghandhux interess guridiku li jippromwuovi r-rikors odjern stante li l-proceduri kontemplati mil-ligi ghall-hrug ta' ***Mandat In Factum*** huma ta' natura kriminali bejn l-awtoritajiet gudizzjarji ghall-allegat disprezz tal-Qorti w l-konvenuta fil-kawza ;

2. Illi hija l-intimata, bhala konvenuta f'dawk il-proceduri, li ghandha interess li titlob il-protezzjoni tal-ligi kontra d-dewmien ;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes kontra r-rikorrent.

Rat in-**Nota tar-Registratur tal-Qrati wara r-risposta ulterjuri appena msemmija ta' l-intimata Dorothy Xuereb**, li biha rrileva s-segwenti :

1. Illi l-***Mandat In Factum*** mhux kontemplat esklussivament ghall-proceduri ghall-disprezz tal-Qorti, u l-istess Mandat fil-proceduri odjerni ma ntalabx biex jinhareg b' kawza jew b' effett ta' tali proceduri ;

2. Illi disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti jista' ma jkunx ta' natura kriminali.

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Citaz. Nru. 807/83/RCP ) fit-2 ta' Ottubru, 2001, li biha dik il-Qorti cahdet it-talba ta' l-attur, ir-rikorrent odjern, ghall-hrug ta' ***Mandat In Factum*** kontra l-konvenuta, l-intimata odjerna Dorothy Xuereb, l-ghaliex dehrilha li l-azzjoni ta' l-imsemmi attur ma kienetx tissodisfa r-rekwiziti ta' l-Artikolu 385 tal-Kap. 12, cioe', li l-obbligazzjoni fis-sentenza li George Xuereb kien qed jipprova jesegwixxi, cioe', dik li giet definitivament deciza fit-23 ta' Marzu, 1983, minn din il-Qorti, ma kienetx li kkundannat lill-Dorothy Xuereb biex taghmel xi haga, ***di fare***, a differenza minn obbligazzjoni semplicement ***di dare***, u ghalhekk, il-Qorti rriteniet li l-istess obbligazzjoni ***di dare*** tista' dejjem tigi trasmessa f'obbligazzjoni ghall-hlas ta' danni w hlas ta' interessi skond il-ligi.

Rat in-**Nota ta' Osservazzjonijiet tar-rikorrent George Xuereb datata 15 ta' Novembru, 2001**.

Rat in-**Nota ta' Osservazzjonijiet ta' l-intimati Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja, u ta' l-Avukat Generali datata 5 ta' Dicembru, 2001**.

Rat ir-**Risposta tar-Registratur tal-Qorti, datata 12 ta'Dicembru, 2001**, u li hu ppresenta bhala risposta ghan-Nota ta' Osservazzjonijiet tar-rikorrent George Xuereb tal-15 ta'Novembru, 2001.

Rat in-**Nota ta' Osservazzjonijiet ta' l-intimata Dorothy Xuereb datata 14 ta' Dicembru, 2001**, fejn, fost affarijiet ohra, hi tikkontendi li r-rikorrent ma kienx ghad baqghalu **interess guridiku fil-proceduri odjerni istitwiti minnu l-ghaliex il-kawza civili fl-ismijiet 'George Xuereb –vs- Dorothy mart George Xuereb' (Citaz. Nru. 807/83/RCP)** kienet issa giet deciza fit-2 ta'Ottubru, 2001, fil-mori ta' din il-kawza kostituzzjonali, u fejn gew respinti t-talbiet tieghu.

Semghet lir-rikorrent u lill-intimata bil-gurament, kif ukoll lix-xhieda kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet f' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT :**

## 1. Il-Fatti Principali

Il-fatti principali f' din il-kawza huma sostanzjalment kif allegati fir-rikors promotur ta' l-istess kawza, u jista' jinghad li bazikament u sostanzjalment hemm qbil bejn il-partijiet kollha dwarhom. Ghall-ahjar kjarezza, dawn il-fatti jistghu jigu rijassunti hekk :

(a) Permezz ta' decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 t'Awwissu, 1981, kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Mejju, 1982, u deciza finalment fit-23 ta' Marzu, 1983, fl-ismijiet **'George Xuereb –vs- Dorothy Xuereb' (Citaz. Nru. 590/77/G)**, l-imsemmija Dorothy Xuereb kienet giet ikkundannatha tikkonsenja lir-rikorrent/attur George Xuereb l-oggetti deskritti a fol 6, 7, 8 u 9 ta' dawk l-atti, konsistenti f' fided u hagar prezzjuz ta' certu valur, liema valur gie allegat li kien ta' madwar Lm 80,000.

(b) Wara din id-decizjoni, George Xuereb ipprova jesegwixxi dik is-sentenza permezz ta' Mandati ta'Qbid, izda dawn kollha kellhom ezitu negattiv. Ghalhekk, hu ppresenta citazzjoni fl-istess ismijiet premessi fejn talab lill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili, diversament presjeduta, tohrog ***Mandat In Factum***, peress li Dorothy Xuereb, l-intimata/konvenuta, kienet qed teludi l-effetti ta' tali sentenza billi tahrab mill-konsenja ta' dawn l-oggetti ta' valur kif kienet giet ikkundannatha li taghmel.

(c) Illi din il-kawza biex jinhareg dan il-***Mandat In Factum*** giet prezentata quddiem l-imsemmija Qorti fl-1 ta' Lulju, 1983 (Citaz. Nru. 807/83/CS/WG/VCC/FGC/RCP).

(d) Illi peress li sal-25 t'April, 2000, din il-kawza ghall-hrug tal-***Mandat In Factum*** kienet ghada ma gietx deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, ir-rikorrent, fid-data msemmija ppresenta r-rikors promotur odjern fejn qed jilmenta minn tul ta' zmien esagerat u rragjonevoli li kienu qed jiehdu dawk il-proceduri biex jigu decizi, u, ghalhekk, qed jippretendi li minhabba dan id-dewmien qed jigu lezi drittijiet fondamentali tieghu in bazi ta' l-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta

w tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar il-Harsien tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, rispettivament.

(e) Illi waqt il-mori ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali, l-imsemmija kawza fejn ir-rikorrent kien qed jitlob il-hrug tal-***Mandat In Factum***, giet deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru, 2001, fejn it-talbiet tar-rikorrent George Xuereb gew michuda ghaliex, skond dik il-Qorti, id-decizjoni li hu kien qed jipprova jesegwixxi kienet wahda ***di dare*** u mhux ***di fare***, u, ghalhekk, il-***Mandat In Factum*** ma kienx disponibbli ghall-kaz in kwistjoni.

## 2. <u>L-Ilment tar-rikorrent George Xuereb</u>

L-ilment tar-rikorrent George Xuereb hu wiehed specifiku, kif jirrizulta mir-rikors promotur. Hu jikkontendi li kienu qed jigu lezi fil-konfront tieghu l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fi ftit kliem, l-ilment tar-rikorrent hu marbut mal-kwistjoni tad-dewmien ghal dak li jirrigwarda dak li jiddisponu dawn iz-zewg Artikoli, u qed jattribwixxi dan id-dewmien partikolarment ghal mod kif il-Qorti li quddiemha kienet qed tinstemgha l-kawza bin-numru **807/83/CS/WG/VCC/FGC/RCP** ipprokrastinat eccessivament u b'mod xejn ragjonevoli fis-smigh ta' dawk il-proceduri.

## 2. <u>Il-Ligi</u>

Il-parti rilevanti ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija dik li tinsab fis-subinciz (2) ta' dan l-Artikolu, li jghid hekk testwalment :

" **Kull Qorti jew Awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b' ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti w imparzjali ; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew Awtorita' ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragjonevoli**."

U l-parti rilevanti ta' l-Artikolu 6, fis-subinciz (1) tieghu, tal-Konvenzjoni Ewropea, tipprovdi hekk testwalment :

" **Fid-decizjoni tad-drittijiet civili w ta' l-obbligi tieghu......kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali w pubbliku fi zmien rajonevoli minn tribunal indipendenti w imparzjali mwaqqaf b' ligi**. "

Mela jsegwi minn dawn il-brani kwotati li hu d-dover ta' l-Istat li jassigura t-twettieq fil-prattika ta' dan id-dritt fondamentali. Dan id-dritt tal-bniedem li jkollu l-kawza tieghu mismugha b'mod xieraq u li din tigi deciza fi zmien ragjonevoli, necessarjament jimponi fuq l-Istat id-dover li jassigura f' Malta l-ezistenza w zamma fis-sehh ta' sistema efficjenti ta' amministrazzjoni tal-gustizzja.

Meta jkun hemm xi dewmien eccessiv u mhux ragjonevoli, mela, ir-responsabilita' ta' dan trid bilfors tintrefa' mill-Ezekuttiv li, fost doveri ohra, kif inghad, ghandu d-dover u responsabilita' li jassigura amministrazzjoni efficjenti tal-gustizzja fil-pajjiz, aktar u aktar meta dewmien jigi attribwit lill-Qorti fejn gudikant ma jistghax jiddefendi lilu nnifsu, anzi ghandu presunzjoni favur tieghu, minhabba l-principju ta' l-indipendenza tal-gudikatura, li hu professjonist ghaqli w doveruz.

**3. <u>L-eccezzjonijiet ta' l-intimati</u>**

L-intimat **Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja**, kif ukoll l-intimat **Avukat Generali**, issottomettew is-segwenti eccezzjonijiet :

**(a)** Preliminarjament, l-intimat **Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja** eccepixxa li hu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li hu mhux legittimu kontradittur.

**(b)** Fil-meritu, dawn iz-zewg eccipjenti ssottomettew li r-rikors promotur hu bla ebda bazi guridika jew fattwali billi din il-Qorti ghandha tara jekk kienx l-istess rikorrent li bl-agir tieghu kien ikkontribwixxa sostanzjalment ghad-dewmien li hu

issa qed jilmenta minnu, u, ghalhekk, mhux bizzejjed li hu jghid li l-kawza tieghu kienet damet tant snin u bla ezitu sal-gurnata li ppresenta dan ir-rikors tieghu.

L-intimata **Registratur (Registratrici) tal-Qorti** eccepiet is-segwenti :

**(a)** Preliminarjament, anke hi mhux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u dan ai termini ta' l-Artikolu 181 B tal-Kap. 12.

**(b)** Fil-meritu, ir-Registratur tal-Qorti tghid li hi ma ghandha ebda kontroll fuq il-process gudizzjarju, mhiex inkarigata fil-materja in kwistjoni, u, ghalhekk, it-talba tar-rikorrent ma tistghax tkun diretta lejha.

**(c)** Illi z-zmien li jiehdu proceduri gudizzjarji jiddependi fuq in-natura partikolari tal-kaz li jkun, u mhux semplicement fuq l-ghadd materjali ta' zmien.

**(d)** Illi r-rikorrent ghandu jipprova li hu ghamel kull ma seta' biex ma jtulx z-zmien minnu lamentat.

**(e)** Illi fi kliem l-istess rikorrent, l-interess ta' martu Dorothy Xuereb, l-intimata, imur ferm oltre 'dak li jista' jkollha', kif hi indikata fl-okkju tal-kawza u kif imharrka bhala intimata, l-ghaliex hu stess jghid u jallega li kienet hi li qanqlet il-problemi kollha fil-kawza li damet.

L-intimata **Dorothy Xuereb** eccepiet is-segwenti :

**(a)** Illi f'dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent George Xuereb ma kien hemm ebda lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu.

**(b)** Illi anke hi, bhala konvenuta fil-kawza in kwistjoni, ukoll kellha jew ghandha l-istess drittijiet fondamentali li qed jippretendi li ghandu l-attur/rikorrent, cioe', li jkollha smigh xieraq, u dan peress li hi ma kienetx ghalqet il-provi taghha.

Sussegwentement din l-istess intimata **Dorothy Xuereb** ghamlet is-segwenti eccezzjonijiet ulterjuri, u cioe' :

**(a)** Illi r-rikorrent George Xuereb ma kienx ghad ghandu interess guridiku f'dan ir-rikors minnu mressaq stante li l-proceduri kontemplati mil-ligi ghall-hrug ***ta' Mandat In Factum*** huma ta' natura kriminali bejn l-awtoritajiet gudizzjarji ghall-allegat disprezz lejn il-Qorti w hi stess, li wkoll ghandha d-dritt li titlob protezzjoni tal-Ligi kontra dewmien.

**(b)** Illi gja' la darba l-kawza in kwistjoni, li l-allegat dewmien taghha huwa l-meritu tar-rikors promotur, giet deciza fil-mori ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali, u giet deciza negattivament fil-konfront ta' George Xuereb, ghalhekk, hu ma ghadx ghandu interess guridiku f'dan ir-rikors.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi qabel ma tikkunsidra dan ir-rikors fil-meritu, huwa mehtieg li din il-Qorti tiddisponi fl-ewwel lok mill-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati s-**Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja w ir-Registratur tal-Qorti**, fejn qed jghidu li mhumiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri kostituzzjonali.

L-Artikolu 181 B tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Gvern, jigifieri l-Istat, ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-**KAP TAD-DIPARTIMENT** tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Barra minn hekk, is-subinciz (2) ta' l-istess Artikolu jipprovdi wkoll li l-Avukat Generali jirrappresenta lill-Gvern f'dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Mela huwa l-Avukat Generali li jirrappresenta lill-Gvern, in rappresentanza ta' l-Istat.

Issa, fil-kaz prezenti, l-ebda dipartiment ta' Gvern ma kien involut fil-litigju, u huwa ben saput fid-dritt kostituzzjonali w konvenzjonali li l-Gudikatura hija ndipendenti mill-Ezekuttiv, u certament ma tistghax titqies bhala dipartiment tal-Gvern. Fil-kaz prezenti, ir-rikorrent qed jallega dewmien minhabba l-operat ta' martu Dorothy Xuereb kif ukoll minhabba l-operat tal-Qorti li ppresjediet il-proceduri li bihom hu kien talab il-hrug tal-***Mandat In Factum***. Bla ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat

dewmien ghal xi operat jew agir minn naha ta' l-amministrazzjoni tal-Qrati, rappresentatha mir-Registratur tal-Qorti.

Hu evidenti, mela, li certament is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja ma jirrappresentax l-Istat f'azzjonijiet bhal dawn odjerni, u, allura, l-eccezzjoni tieghu li hu mhux il-legittimu kontradittur ghandha tigi milqugha, b'dan li hu qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra r-rikorrent f'dan ir-rigward.

Dwar il-posizzjoni tar-Registratur tal-Qorti, in vista tal-fatt li r-rikorrent qed jattribwixxi l-allegat dewmien kemm ghall-martu, kif ukoll ghal mod ta' kif il-Qorti mexxiet l-andament tal-proceduri in kwistjoni, u, allura, qed jattribwixxi dan id-dewmien ghall-agir ta' xi Imhallef partikolari li ghal xi zmien kien qed jippresjedi dawn il-proceduri, hu evidenti, allura, li f'din il-kwistjoni, ir-Registratur tal-Qorti ma kellu ebda kontroll fuq dawk il-proceduri partikolari w lanqas ma kien involut b'xi mod fil-materja, il-meritu tar-rikors promotur. Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu ndipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens, mela, li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli ghall-operat tal-Qorti, allura, ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistghax hawnhekk ikun legittimu kontradittur. Hu propju ghalhekk, mela, li din l-eccezzjoni sollevata mir-Registratur tal-Qorti qed tigi milqugha, u hu qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra ir-rikorrent f'dan ir-rigward.

Isegwi li in vista ta' dan li ghadu appena ntqal, il-Qorti mhiex sejra tiehu aktar konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja w mir-Registratur tal-Qorti. Ghalhekk jibqghu bhala intimati f'dawn il-proceduri l-imsemmija Dorothy Xuereb w l-Avukat Generali.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi f'dan l-istadju, il-Qorti sejra issa tiddisponi mill-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mill-intimata Dorothy Xuereb permezz tan-Nota taghha prezentata minnha wara t-2 ta' Ottubru, 2001, cioe' wara li giet deciza l-kawza li kien ghamel ir-rikorrent zewgha fejn talab il-hrug ta' ***Mandat In Factum***, kawza li istitwixxa fl-1 ta' Lulju, 1983.

Dorothy Xuereb tikkontendi li gja' la darba l-imsemmija proceduri issa gew decizi, u anke gew respinti t-talbiet ta' George Xuereb biex jinhareg dan il-***Mandat In Factum***, dan issa ma jistghax jibqa' jkollu interess guridiku f'dawn il-proceduri kostituzzjonali minnu istitwiti. Hi tghid li r-rikorrent issa ma jistghax legalment jibqa' jinsisti ghal xi dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni ta' xi dritt fondamentali w ghal xi rimedju ghal dan l-allegat ksur tad-dritt tas-smigh xieraq fi zmien ragjonevoli.

Barra minn hekk, din l-intimata tghid li r-rikorrent m'ghandux interess guridiku li jippromwuovi dan ir-rikors peress li l-proceduri ghall-hrug ta' l-imsemmi ***Mandat In Factum***, f'dan il-kaz ghall-allegat disprezz taghha lejn il-Qorti, huma ta' natura kriminali, u, allura, bhala tali, l-azzjoni kienet tmiss biss lill-awtoritajiet gudizzjarji w l-istess intimata, se mai, u mhux lilu.

Fuq dawn iz-zewg eccezzjonijiet, din il-Qorti ftit ghandha xi tghid.

Dwar it-tieni eccezzjoni, dik li r-rikorrent m'ghandux interess guridiku fil-proceduri kostituzzjonali stante li l-proceduri ghall-allegat disprezz lejn il-Qorti da parti ta' l-intimata huma ta' natura kirminali, jigi rilevat illi l-***Mandat In Factum*** mhux kontemplat fil-ligi esklussivament jew biss ghal proceduri ta' disprezz lejn il-Qorti. Barra minn hekk, disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti mhux necessarjament jew dejjem hu ta' natura kriminali. Fil-fatt proceduri ghal disprezz lejn il-Qorti minhabba agir li jsir mhux waqt seduta tal-Qorti (**in faciem curiae**) jittiehdu bi procedura civili. Din l-eccezzjoni, ghalhekk, hija respinta.

Dwar l-ewwel eccezzjoni ta' Dorothy Xuereb fis-sens li issa li giet deciza l-kawza li George Xuereb kien ghamel biex jottjeni l-hrug ta' ***Mandat In Factum***, allura ma ghadx ghandu interess guridiku f'dawn il-proceduri kostituzzjonali, din l-eccezzjoni wkoll ma treggiex.

Apparti l-fatt li s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru, 2001, ghada ma ghaddietx in gudikat finali ghaliex hemm appell minnha li ghadu pendenti, hi l-fehma ta' din il-Qorti li minkejja l-fatt li kien hemm din id-decizjoni, u kien x' kien l-ezitu ta' dawk il-proceduri, dan il-fatt bla ebda mod ma jillimita jew jnehhi xi dritt kostituzzjonali li r-rikorrent ghandu biex jissalvagwardja dak li jaghtu l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta'Malta, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dak li qed jitlob ir-rikorrent hawnhekk fil-proceduri odjerni bla ebda mod ma jigi affettwat mill-fatt li kien hemm decizjoni f'dawk il-proceduri li taw lok ghal l-ilment tieghu. Huma zewg

kwistjonijiet kompletament indipendenti minn xulxin. Dak li huwa rilevanti fil-kawza prezenti huwa jekk iz-zmien li ghadda bejn l-1 ta' Lulju, 1983, meta bdew il-proceduri bit-talba ghall-hrug tal-***Mandat In Factum***, sa meta giet deciza din l-istess kawza fit-2 ta' Ottubru, 2001, kienx dan xi zmien esagerat jew mhux ragjonevoli, jew le. Ghalhekk, anke din l-eccezzjoni ta' l-intimata Dorothy Xuereb hija respinta.

Il-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkunsidra dan ir-rikors fil-meritu.

**4. <u>Dritt ghas-Smigh Xieraq fi Zmien Ragjonevoli</u>**

B'mod generali, biex jigi diterminat jekk is-smigh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif mitlub mill-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta w mill-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari (**1**) n-natura u/jew il-komplessita' tal-kaz in kwistjoni, (**2**) il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u (**3**) il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati w kondotti mill-awtorita' gudizzjarja stess.

Issa fil-kaz prezenti, il-perijodu rilevanti ghall-finijiet ta' l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta w ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea hu dak li jibda mil l-1 ta'Lulju, 1983, meta George Xuereb intavola l-kawza tieghu quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili biex jottjeni l-hrug tal-***Mandat In Factum*** kontra Dorothy Xuereb, sat-2 ta' Ottubru, 2001, id-data meta dawn l-istess proceduri gew decizi, cioe', perijodu ta' sbatax (17) il-sena u tlett (3) xhur.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa dovuta l-atti tal-kawza msemmija sabiex tara jekk gewx sodisfatti jew le l-kriterji appena msemmija li ghandhom jigu kunsidrati qabel ma tiddeciedi jekk dan iz-zmien kienx wiehed ragjonevoli jew le.

Ghal dik li hija s-sekwenza kronologika ta' dak kollu li sar f'dawk il-proceduri kemm damu sejrin, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn toqghod telenkahom hawnhekk. Huwa bizzejjed li ssir riferenza ghan-Nota tar-rikorrent, gja' qabel imsemmija, liema dati w fatti msemmija kronologikament minnu f'dik in-Nota ma gew kontradetti minn hadd, bl-eccezzjoni ghal xi dettalji xejn sostanzjali jew ta' rilevanza. Il-Qorti, ghalhekk, tghamel taghha dak li ndika r-rikorrent f'dik in-Nota tieghu bhala sekwenza kronologika ta'fatti w dati, li huma nkontestati, kif intqal.

Il-Qorti issa sejra tezamina l-kriterji msemmija qabel biex tara jekk dawn jinkwadrawx fil-kaz prezenti.

## A. <u>In-Natura u/jew il-Komplessita' tal-Kaz</u>

Minn ezami akkurat tal-process tal-kawza in kwistjoni, dik tal-***Mandat In Factum***, jirrizulta ghal din il-Qorti li dik il-kawza ma kienetx xi wahda kumplikata jew difficli biex tigi deciza. Ma kienx hemm xi numru sostanzjali ta' xhieda li kellhom jinstemghu. Fil-fatt jidher li x-xhieda kienet tikkonsisti fir-rikorrent u intimata odjerni, George u Dorothy Xuereb, u l-Marixxal George Sammut.

Hawnhekk il-Qorti mhiex qed tikkunsidra biss il-fatt tat-tul taz-zmien li hadu dawk il-proceduri, ghaliex, kif sewwa jinghad, din mhiex semplicement kwistjoni ta' xi ghadd materjali ta' zmien, ta' numru ta' snin li kawza ddum ma tintemm. Hu ferm aktar importanti li wiehed jara w jezamina ezatt x' kien il-meritu tal-proceduri. U hu propju hawnhekk, ghalhekk, li dawn il-proceduri mibdija minn George Xuereb biex jottjeni il-***Mandat In Factum*** certament ma kienux xi proceduri li minn natura taghhom kellhom jiehdu dan it-tul ta' zmien, aktar minn sbatax (17) il-sena, biex jigu decizi. Il-meritu ta' dawk il-proceduri certament ma kienx xi wiehed kompless jew difficli. Anzi ma hemm ebda dubju li dawk il-proceduri setghu facilment jigu konkluzi fi ftit seduti. Wara kollox, kull ma kien qed jaghmel George Xuereb permezz ta' dawk il-proceduri hu li ried jesegwixxi sentenza favur tieghu, u billi l-procedura biex jaghmel dan permezz ta' Mandat/i ta' Qbid ma hallew ebda ezitu pozittiv, hu rrikorra lejn il-Qorti fejn talabha tordna jew tawtorizza l-hrug ta' ***Mandat In Factum*** specifikatament biex tigi b' hekk esegwita s-sentenza moghtija fit-23 ta' Marzu, 1983, (Citaz. Nru. 590/77/G).

Mela, f'kawza li ma kienet tippresenta ebda diffikulta' partikolari, ebda kumplikazzjoni jew komplessita', perijodu ta' sbatax (17) il-sena w tlett (3) xhur biex il-process jigi deciz, jidher, almenu fuq bazi ta' "**prima facie**", li hu zmien eccessivament twil, mhux gustifikat, u ma jistghax jitqies li kien xi zmien ragjonevoli. Hu tul ta' zmien li jindika jew jipponta lejn vjolazzjoni tad-dritt kostituzzjonali li wiehed ghandu jkollu smigh xieraq fi zmien ragjonevoli.

Pero' hemm kunsiderazzjoni ohra li wiehed ikrid necessarjament jikkunsidra, apparti dik tal-komplessita' tal-kaz, u cioe' :

**B. <u>Il-Kondotta tal-Partijiet fil-Kawza</u>**

Minn ezami ta' l-atti, din il-Qorti hi sodisfatta li ghalkemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimata Dorothy Xuereb kkontribwew ghal dan id-dewmien, bl-imsemmija ntimata tikkontribwixxi ferm u ferm aktar mir-rikorrent George Xuereb ghal dan l-istat ta' fatt, mill-banda l-ohra, George Xuereb ma jistghax jinghad li l-kontribut tieghu ghad-dewmien kien xi wiehed sostanzjali, fis-sens li l-proceduri in kwistjoni ma setghux jimxu 'l quddiem u jiehdu l-andament normali taghhom minhabba xi mgieba tieghu. Anzi, ghall-kuntrarju, mid-diversi proceduri li George Xuereb kien istitwixxa, anke sa minn qabel l-1 ta' Lulju, 1983, hu ferm evidenti li hu kellu kull interess li jara li dawk il-proceduri kollha jimxu 'l quddiem bi speditezza, b' mod normali w ragjonevoli l-ghaliex kellu hafna x' jikkawtela. Bizzejjed jigi mfakkar li r-retroxena ta' dan kollu hu li r-rikorrent ried, u ottjena, sentenza favur tieghu biex jiehu lura numru ta' oggetti ta' valur li kienu jappartjenu lilu bhala beni parafernali w li kienu ghadhomn fil-pussess materjali ta' l-intimata Dorothy Xuereb.

Barra minn hekk, jirrizulta mill-atti li kull darba li dawn il-proceduri kienu thallew 'sine die', u dan ghal xi raguni jew ohra, kien dejjem George Xuereb li ha hsieb li jergghu jigu riappuntati biex jimxu 'l quddiem. Ghalhekk, jekk ir-rikorrent ikkontribwixxa b'xi mod ghad-dewmien, dan ma kienx xi kontribut sostanzjali fis-sens li dak id-dewmien jista' jigi attribwit lilu. Mhux hekk biss, izda jirrizulta wkoll li r-rikorrent kien effettivament ta sehmu biex jassigura li dawk il-proceduri jimxu 'l quddiem bi speditezza normali.

Mhux l-istess jista' jinghad ghar-rigward l-intimata Dorothy Xuereb. Bizzejjed jinghad li dawn il-proceduri baqghu stagnati ghal zmien konsiderevoli, ferm aktar minn dak ragjonevoli, ghal numru ta' snin, biex hi tressaq il-provi taghha, provi konsistenti principalment, jekk mhux esklussivament, fix-xhieda taghha stess. Fil-fatt, anke sa ftit xhur ilu, qabel ma dawn il-proceduri gew decizi fit-2 ta' Ottubru, 2001, Dorothy Xuereb kienet ghada qed tirritjeni li kien ghad baqghalha tressaq xi provi, dan wara li kienu ghaddew aktar minn sbatax (17) il-sena.

Ma hemm ebda dubju li din l-intimata kkontribwit sewwa w sostanzjalment biex ikun hemm dan id-dewmien f'dawn il-proceduri. Il-Qorti mhiex qed tghid li l-intimata

ghamlet dan malizzjosament. Xejn minn dan. Pero', jibqa' l-fatt illi hafna seduti ma sarux u gew akkordati differimenti propju minhabba l-intimata, ghal xi raguni jew ohra, tajba jew hazina, u dan il-kontribut taghha ghin konsiderevolment biex ikun hemm dan id-dewmien. Minn naha taghha, u kuntrarjament ghal dak li ghamel ir-rikorrent, Dorothy Xuereb ma ghamlet xejn biex thaffef dawn il-proceduri.

F'dan l-isfond, u in vista tas-sentenza tat-23 ta'Marzu, 1983, fejn Dorothy Xuereb kienet giet ikkundannatha li tirrestitwixxi lill-George Xuereb l-oggetti prezzjusi in kwistjoni, abbinat mal-fatt li hi stess tammetti li fuq allegat parir ta' l-avukat taghha, hi kienet gja' iddisponiet minn dawk l-istess oggetti, propjeta' ta'George Xuereb, u dan bejn id-data ta' din is-sentenza tat-23 ta'Marzu, 1983, u d-data ta' meta George Xuereb beda l-proceduri biex jottjeni l-***Mandat In Factum***, cioe' l-1 ta'Lulju, 1983, f'temp ta' ftit xhur, allura din il-Qorti ghandha ragjonevolment tahseb u tikkonkludi li din l-intimata, rinfaccjatha bil-possibilita' li tispicca l-habs bhala effett ta' dan il-Mandat, kellha kull interess li dawk il-proceduri kontriha jitwalghu w jdumu ma jispiccaw kemm jista' jkun possibbli.  Din il-Qorti ma hadet ebda impressjoni li Dorothy Xuereb kienet b'xi mod herqana biex din il-kawza tigi konkluza fi zmien ragjonevoli, bhal ma indubjament kien George Xuereb, u dan minkejja li hi tallega li hi wkoll kellha dan l-interess. Il-Qorti xejn ma hi konvinta minn din l-allegazzjoni ta' l-intimata.

## C. Il-Mod kif il-Proceduri gew Trattati jew Kondotti mill-Qorti

Ir-rikorrent ressaq provi, u dan bix-xhieda tieghu stess, izda partikolarment bix-xhieda ta' l-Avukat Giovanni Bonello (illum Imhallef fil-Qorti Ewropea ta'Strasbourg) u ta' l-Avukat George Cutajar, zewg avukati li kienu originarjament jippatrocinawh, li bihom ried juri lil din il-Qorti li gudikant wiehed partikolari li kien ippresjeda din il-kawza in kwistjoni, u cioe', bejn it-2 ta' Ottubru, 1991, sa meta kien rtira bl-eta', madwar Mejju, 2000, cirka ghal disgha (9) snin shah, kien diversi drabi apertament, 'seduta stante', wera li kellu interess li ma jkunx hu li jiddeciedi din il-kawza. Ta' min josserva hawnhekk li sa meta beda jippresjedi dan il-gudikant f' dawn il-proceduri, dawn gja' kienu ilhom pendenti tmin (8) snin minn qabel, zmien dan li hu piuttost twil ukoll, tenut kont li din kienet kawza li ma ppresentat ebda komplikazzjoni jew diffikolta'.  F'dawk it-tmin snin kienet gja' ghaddiet minn taht idejn tlett gudikanti ohra w ma gietx konkluza.

L-imsemmija xhieda prodotti mir-rikorrent semmew diversi okkazzjonijiet fejn, skond huma, dan il-gudikant partikolari ghamel diversi dikjarazzjonijiet, u dan pubblikament waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri, li bihom wera b'mod manifest l-intenzjoni tieghu li ma riedx jiddeciedi din il-kawza hu. Effettivament, u dana bhala stat ta'fatt biss u xejn aktar, din il-kawza ma gietx deciza minn dak il-gudikant, izda minn gudikant iehor li gie warajh meta rtira madwar Mejju, 2000, u dan iddecieda din il-kawza fit-2 ta' Ottubru, 2001.

Mill-banda l-ohra, pero', ghandu jinghad ukoll li dak li gie allegat li qal dak il-gudikant f'diversi okkazzjonijiet mhux qieghed 'in atti', u, ghalhekk, jekk inghad, dan qed jixhduh biss xhieda 'ex parte', u dak id-diskors jista' jittiehed biss, se mai, bhala li ntqal 'obiter', u, konsegwentement, mhuwiex prova konklussiva ta' xi agir irresponsabbli ta' dak il-gudikant partikolari. Apparti li hemm il-kwistjoni ta' l-interess l-ghaliex qalu hekk dawn ix-xhieda, li ghalkemm bla ebda mod ma gew kontradetti, pero', kif intqal, dak l-Imhallef ma ghandu ebda mezz biex jiddefendi lilu nnifsu kontra dak li gie allegat li kien qal, u in bazi tal-fatt li hemm il-presunzjoni favur tieghu li hu professjonist doveruz, li jaqdi l-funzjoni tieghu skond kif titlob minnu l-ligi.

F'dan il-kaz, ghalhekk, din il-Qorti ma tat ebda valur probatorju lil din ix-xhieda.

Pero', jibqa' l-fatt li parti mill-funzjonijiet u doveri ta' kull gudikant hu propju li jara w jassigura li x-xoghol assenjat lilu jimxi b'mod normali w ragjonevoli. Hu ghandu jara li kawzi quddiemu jigu decizi bi speditezza w fi zmien ragjonevoli, u li ma jhalliex numru ta' kawzi jakkumulawlu inutilment. Hu minnu li f'din il-funzjoni ta' qadi tad-dmirijiet ta' kull gudikant, wiehed ghandu wkoll jikkunsidra c-cirkostanzi li fihom dak il-gudikant ikun qed jahdem, bhal ma hi c-cirkostanza tan-numru ta' kawzi assenjati lilu, in-numru ta' gudikanti li qedin hemm biex jlahhqu man-numru ta' kawzi pendenti w ohrajn li jigi introdotti, l-infrastruttura necessarja li l-Istat obbligat li jipprovdi lil kull gudikant sabiex dan jaqdi din il-funzjoni tieghu bl-aktar mod adegwat, eccetera. Pero', huma x'inhuma dawn ic-cirkostanzi, hu dejjem mistenni minn kull gudikant, prezunt professjonist responsabbli li jaf sewwa x'inhuma d-doveri tieghu, li dan ghandu jkun jaf x'sistema ghandu juza biex jiddisponi mill-kawzi assenjati lilu bl-ahjar mod possibbli w bi speditezza ragjonevoli, u dan irrespettivament minn numru ta' kawzi li ghandu w n-natura taghhom.

Kull gudikant ghandu jkun jaf liema huma dawk il-kawzi li huma ta' facli spedizzjoni, u, allura, ghandu jara li dawn jigu decizi malajr, minghajr ebda dewmien u fi zmien

piuttost qasir, liema huma dawk il-kawzi li minn natura taghhom jirrikjedu ftit aktar zmien minn dawk l-ohrajn gja' msemmija ta' facli spedizzjoni, u liema huma dawk il-kawzi l-ohra, komplessi w li jippresentaw xi diffikolta', li certament jirrikjedu ferm aktar zmien, u forsi aktar attenzjoni w studju jew ricerka. Fi ftit kliem, kull gudikant ghandu jfittex u jizviluppa il-**'modus operandi'** tieghu biex jassigura speditezza xierqa fil-kawzi lilu assenjati u jaccerta li dawn jiehdu l-kors u andament normali taghhom biex jigu decizi fi zmien ragjonevoli, u dan ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja w in ottemperanza ma' dak li jghidu l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta w l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Issa fil-kaz in ezami, gja' ntqal li l-proceduri in kwistjoni ma kienux xi proceduri li minn natura taghhom kienu jindikaw xi diffikolta' jew komplessita'. In-numru tax-xhieda w provi kien marginali, u l-attur/rikorrent bla ebda mod ma kkontribwixxa sostanzjalment biex ikun hemm id-dewmien minnu lamentat, anzi, ta sehmu bis-shih biex jara li dawk il-proceduri jimxu 'l quddiem u jigu decizi fi zmien ragjonevoli. Intqal li mhux l-istess ghar-rigward il-konvenuta/intimata Dorothy Xuereb li damet snin shah biex tressaq il-provi taghha, u kellha kull interess li dawn il-proceduri jitwalghu w jiehdu tul ta' zmien biex tevita jew tbieghed kemm jista' jkun il-konsegwenzi li setgha jgib mieghu il-***Mandat In Factum***. Hu ghal kollox irrilevanti li dawn il-proceduri issa, fil-mori ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali, gew decizi fit-2 ta' Ottubru, 2001, b'ezitu kontra l-attur/rikorrent, ghalkemm hemm appell pendenti. Li jinteressa lil din il-Qorti hu biss iz-zmien li hadu dawk il-proceduri biex jigu decizi, ghall-anqas fil-prima istanza, cioe', aktar minn sbatax (17) il-sena, mill-1 ta' Lulju, 1983 sat-2 ta' Ottubru, 2001.

Tenut kont ta' dan kollu, mela, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-element ta' dewmien f'dan il-kaz huwa wiehed ferm evidenti w manifest. Dan hu kaz carissimu ta' **"res ipsa loquitur"**. L-imsemmi zmien, indubjament, u taht kull aspett, hu zmien eccessivament twil li fic-cirkostanzi ma jistghax jitqies li kien xi zmien ragjonevoli.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha rilevanti f'dan il-kaz, il-Qorti tara li fil-proceduri **Citaz. Nru. 807/83/CS/WG/VCC/FGC/RCP,** fl-ismijiet **"George Xuereb –vs- Dorothy mart George Xuereb"**, li bdew fl-1 ta' Lulju, 1983, u gew decizi fit-2 ta' Ottubru, 2001, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, kien hemm dewmien ferm u ferm esagerat, dewmien bla ebda mod gustifikat, dewmien li ghandu jirrispondi ghalih l-Istat.

Dwar il-posizzjoni ta’ l-initimata Dorothy Xuereb f’dawn il-proceduri kostituzzjonali, din qedha hemm semplicement ghall-fini tal-kompletezza tal-gudizzju, ghal kull interess li jista’ jkollha, dan ghaliex fi proceduri bhal dawn, huwa biss l-Istat li huwa responsabbli ghall-Istituzzjonijiet tal-pajjiz, u mhux l-individwu privat. U ghalkemm hu evidenti li l-intimata kkontribwiet sostanzjalment ghad-dewmien imsemmi, dan meta dik il-Qorti ma hadet ebda pass kontriha biex din ma taghmilx hekk, jew ma hadet ebda pass iehor li dehrilha li kellha tiehu biex ma jkunx hemm dan id-dewmien, l-intimata ma tistghax tinzamm responsabbli ghall-vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta w ta’ l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea, liema zewg Artikoli jorbtu biss l-Istat. Se mai, u jekk hu l-kaz, spetta ghar-rikorrent li jfittex ghad-danni lill-intimata, talvolta jidhirlu li ghandu jew li ghad ghandu xi dritt. Pero’, din il-Qorti ma tistgha taghti ebda provvediment kontra l-intimata.

**5. <u>Rimedju</u>**

Minn dak kollu li ntqal fuq, jidher ferm evidenti illi dan iz-zmien eccessivament twil, certament mhux xi wiehed ragjonevoli, wassal sabiex ir-rikorrent isofri mhux biss danni materjali, konsistenti f’ telf konsiderevoli ta’ propjeta’ parafernali, izda anke danni morali. Indubjament, f’ cirkostanzi bhal dawn, il-gurisprudenza Ewropea turi li ghandu jinghata xi kumpens fejn gie vjolat id-dritt ghall-smigh xieraq fi zmien ragjonevoli, sancit bl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan l-ammont ta’ kumpens jithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment ic-cirkostanza tat-tul taz-zmien, tad-dewmien eccessiv w irragjonevoli biex jigu decizi l-proceduri. U ghalhekk din il-Qorti sejra tapplika l-istess principju hawnhekk sabiex taghti dak ir-rimedju lir-rikorrent li, fl-opinjoni taghha, huwa wiehed adegwat fic-cirkostanzi. Dan hu biss kumpens u taht ebda forma ma ghandu jittiehed li dak li sejra tistabbilixxi l-Qorti hu in linea ta’ xi danni materjali.

## 6. Decizjoni

Ghall-motivi kollha premessi, din il-Qorti tiddisponi mir-rikors ta' George Xuereb billi:

1. Tiddikjara li fil-proceduri quddiem il-**Prim Awla tal-Qorti Civili, Citaz. Nru. 807/83/CS/WG/VCC/FGC/RCP**, fl-ismijiet **"George Xuereb –vs- Dorothy mart George Xuereb"**, gie lez id-dritt tar-rikorrent/attur George Xuereb ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli protett bl-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta w bl-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem ;

2. Bhala rimedju effettiv favur ir-rikorrent George Xuereb ghal din il-vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tieghu msemmi, tikkundanna lill-intimat Avukat Generali sabiex ihallas lill-imsemmi rikorrent is-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) in linea ta' kumpens.

3. L-ispejjes jinqasmu hekk: parti wahda minn erba (1/4) jhallasha r-rikorrent George Xuereb, u tlett partijiet minn erba (3/4) jhallashom l-intimat Avukat Generali.

( Imhallef Patrick Vella )

14 ta'Marzu, 2002.